

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Minister Finansów

Konvenuta: Stowarzyszenie Artystów Wykonawców Utworów Muzycznych i Słowno-Muzycznych SAWP (SAWP)

Fil-preżenza ta': Prokuratura Generalna, Stowarzyszenie Zbiorowego Zarządzania Prawami Autorskimi Twórców Dzieł Naukowych i Technicznych Kopipol, Stowarzyszenie Autorów i Wydawców Copyright Polska

Dispożittiv

Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2010/45/UE, tat-13 ta' Lulju 2010, għandha tiġi interpretata fis-sens li d-detenturi ta' drittijiet ta' riproduzzjoni ma jwettqux provvista ta' servizzi, fis-sens ta' din id-direttiva, lill-produtturi u lill-importaturi ta' tagħmir li jaħżeen id-data u ta' apparat għar-reġistrazzjoni u għar-riproduzzjoni li mingħandhom is-soċjetajiet għall-amministrazzjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati jiġbru, għall-benefiċċju ta' dawn id-detenturi iżda f'isimhom stess, miżati fuq il-bejgħ ta' dan l-apparat u tagħmir.

(¹) ĠU C 145, 25.4.2016.

Appell ippreżentat fil-11 ta' Awwissu 2016 (fax tal-4 ta' Awwissu) minn U-R LAB mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (Il-Ħames Awla) fil-25 ta' Mejju 2016 fil-Kawża Magħqudin T-422/15 u T-423/15 – U-R LAB vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-450/16 P)

(2017/C 070/12)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: U-R LAB (rappreżentant: A. Rudoni, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tal-25 ta' Novembru 2016 il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) ċaħdet l-Appell.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Administrativo e Fiscal de Viseu (Il-Portugall) fil-5 ta' Diċembru 2016 – João Ventura Ramos vs Fundo de Garantia Salarial

(Kawża C-627/16)

(2017/C 070/13)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Administrativo e Fiscal de Viseu

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: João Ventura Ramos

Konvenut: Fundo de Garantia Salarial

Domandi preliminari

- 1) Terminu ta' dekadenza applikabbi għat-talba ta' ħlas mill-istituzzjoni ta' garanzija ta' krediti salarjali dovuti huwa iktar vantaġġuż għall-ħaddiema impiegati, fis-sens tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2008/94/KE⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008, dwar il-protezzjoni tal-impiegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom, meta l-ħlas ta' tali krediti jkun żgurat biss meta l-ħlas ikun meħtieġ mill-istituzzjoni ta' garanzija sa sena mill-ġurnata ta' wara dik li fiha ġie xolt il-kuntratt tax-xogħol jew jekk il-bidu tad-dekorriġment tat-terminu jitqies li huwa d-data tal-ftuħ ta' azzjoni ta' insolvenza, fid-dawl tal-fatt li l-istituzzjoni ta' garanzija tiżgura biss il-ħlas tal-krediti tal-ħaddiem li jsiru dovuti matul is-sitt xhur li jippreċedu l-ftuħ ta' tali azzjoni?
- 2) Fil-każ li ħaddiem iħalli jiddekorri t-terminu minħabba raġunijiet indipendenti mir-responsabbiltà tiegħu, il-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri, fid-dawl tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008, għandhom jipprevedu terminu addizzjonali għat-tressiq tat-talba tiegħu ta' ħlas, fil-mument li l-ħaddiem jipprova li ma huwiex responsabbi għan-nuqqas ta' osservanza tat-terminu ta' dekadenza?

⁽¹⁾ ĠU L 283, p. 36.

**Appell ippreżentat fit-8 ta' Diċembru 2016 minn Spliethoff's Bevrachtingskantoor BV mid-digriet mogħi mill-Qorti Ĝeneralı (It-Tielet Awla) fil-11 ta' Ottubru 2016 fil-Kawża T-564/15,
Spliethoff's Bevrachtingskantoor BV vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-635/16 P)

(2017/C 070/14)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Spliethoff's Bevrachtingskantoor BV (rappreżentanti: Y. de Vries, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-digriet tal-Qorti Ĝeneralı tal-11 ta' Ottubru 2016 fil-Kawża T-564/15;
- tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ĝeneralı;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-kawża, inklużi l-ispejjeż sostnati quddiem il-Qorti Ĝeneralı.

Aggravji u argumenti prinċipali

Il-Qorti Ĝeneralı wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li r-rikors huwa inammissibbli, ladarba dan ġie indirizzat kontra l-Kummissjoni, li ma hijiex l-awtur tal-att ikkōntestat;

Il-Qorti Ĝeneralı wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li r-rikors huwa inammissibbli minħabba li l-att ikkōntestat huwa biss ta' natura provviżorja u għalhekk ma huwiex att definitiv;